MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2014

Talba Numru. 83/2012

**Dr Charlene Galea ID 552175M ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Floreal Group Limited (C 21330) b'digriet moghti mit-Tribunal nhar id-29/3/12 isem l-attrici minflok 'Dr Charlene' irid jaqra 'Dr Charmaine'**

**Vs**

**Charles Bugeja**

**ID. 127965M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' Frar, 2012 fejn l-attrici ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Floreal Group Co. Ltd talbet peress illi l-konvenut huwa debitur fis-somma ta' erba' mija u tmienja u disghin ewro (€498.35) rapprezentanti car - care products li l-konvenut xtara minghand is-socjeta' attrici fosthom zebgha u supplies ghall-skopijiet kummercjali;

Jghid ghalhekk il-konvenut il-ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux:-

1. Jikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' erba' mija u tmienja u disghin ewro u tletin centezmu (€498.35) hekk kif dovut.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra ufficjali datata it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar, 2011 kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni u bl-imghaxxijiet legali.

Illi b'digriet tal-25 ta' Marzu, 2013 it-talba giet ridotta ghal erba' mija wiehed u hamsin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€451.28).

Illi wara li gie debitament notifikat il-konvenut ipprezenta risposta fejn eccepixxa illi fl-ewwel lok it-talbiet attrici huma preskritti kif ser jirrizulta mill-provi, tal-preskrizzjoni **biennali**.[1]

Illi bla pregudizzjoni tas-suepost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-materjal de que ma kienx tajjeb tant li bla uzu tieghu, il-konvenut sofra danni.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici inkluz l-ispejjez tan-nota responsiva fl-atti ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Frar, 2011 kontra s-socjeta' attrici.

Peress illi tresqet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni xehed il-konvenut dwar din l-eccezzjoni.

Il-konvenut qal illi hu ilu jaghmel ix-xoghol ta' sprayer u panel beater ghal izjed minn tletin sena. Minghand is-socjeta' attrici kien jixtri affarijiet bhal sand paper u undercoat. Is-salesman tas-socjeta' attrici kien irrakkomandalu certu lacquer u qallu li kien tajjeb zgur. Ghalhekk il-konvenut xtara minnu. L-ahhar darba li xtara kien fl-10 ta' Novembru, 2008 u kirn ukoll f'din id-data li hallas l-ahhar.

Xehdet Dr Charmaine Galea u qalet illi l-kumpanija ilha topera mill-1997 u l-materjal in kwistjoni ilhom igibuh mill-1999. Il-konvenut beda jixtri fis-sena 2008 u dam madwar sena, izda mbaghad beda jaqa lura fil-pagamenti kienu nfurmawh illi jekk irid izjed xoghol dan kellu jkun 'against payment'. Qalet ukoll illi l-ahhar darba li

[1] Biennali - Kelma imhassra u sostitwita bil-kliem ta' tmintax (18)-il xahar taht l-Artikolu 2148 (B) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'digriet ta' dan it-Tribunal ta' nhar it-28 ta' Jannar, 2013.

xtara u hallas ghax-xoghol kien fit-3 ta' April, 2009. Ikkonfermat ukoll illi l-ammont li fadal x'jithallsu huwa ta' erba' mija wiehed u hamsin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€451.28).

Illi skond 'sales transaction history' pprezentat mill-attrici stess a fol hamsin (50) tal-process juri illi l-ahhar transazzjoni kienet saret fis-17 ta' April, 2009.

Fix-xhieda tieghu Clint Bonnici wara li gie muri d-dokument ta' sales transaction history kkonferma illi hu kien dejjem jikteb rendikont ta' min ikun halas dak il-jum.

It-Tribunal wara li semgha x-xhieda u ra d-dokumenti pprezentai huwa tal-fehma illi minkejja li l-partijiet mhux qed jaqblu dwar meta kienet l-ahhar darba li saret 'transaction' bejnithom, xorta wahda iz-zmien preskritt mil-ligi ghadda u ghalhekk skatat il-preskrizzjoni. Din il-preskrizzjoni ma gietx interotta bl-ebda att legali u ghalhekk it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u jiddisponi mit-talba tas-socjeta' attrici.

Spejjez tal-kawza ghandha tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------